MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 35/2004/1

Rikors Nru: 35/2004

Coppini Henry

Vs

Camilleri Silvio

Il- Bord,

Ra r- rikors ta’ Henry Coppini fejn jewsponi bir-rispett:

Illi l- esponeneti jikri lill- intimat il- fond numru tmienja (8), Old College Street, San Giljan, bil- kera annwa ta’ erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm24.00c0) pagabbli kull sena bil-quddiem, l- iskadenza li jmiss hija pagabbli fis- 26 ta’ Novembru, 2004.

Illi l- kera ta' l- imsemmi fond m' hijiex gusta u xierqa u hemm lok li tigi awmentata.

Ghaldaqstant fl- isfond tas- suespost, l- esponenti jitlob bir- rispett sabiex dan il- Bord jawmenta l- kera tal- fond numru tmienja (8), Old College Street, San Giljan ghal wahda gusta u xierqa.

Ra r- risposta ta' Silvio Camilleri fejn jesponi bir-rispett:

Illi fl- ewwel lok, ir- rikorrenti ghandu jipprova illi huwa l-propjetarju tal- fond 8, Old College Street, Sliema.

Illi l- kera tal- fond fuq imsemmi huwa gust u jimmerita konferma u t- talba tar- rikorrenti ghall- awment fil- kera hija nfondata fil- fatt u fid- dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l- istess.

Ra d- digriet tieghu tas- 27 ta' Ottubru 2004 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmijs periti li ffissaw il-kera xieraq fl- ammont ta' sittin u tletin lira Maltija (Lm 36).

Jiffissa l- kera xierqa fl- ammont ta' Lm 36 fis- sena pagabbli kull sena bil- quddiem, l- ewwel skadenza fis- 26 ta' Novembru 2004 b' dan li x- xoghol ta' manutenzjoni ordinarja tkun a karigu tal- kerrej, filwaqt illi x- xoghol iehor ikun a karigu u spejjez tas- sid; spejjez bin- nofs bejn il-partijiet. Il- relazzjoni tal- periti taghmel parti shiha minn din is- sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------